# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 1091/2019 JVC**

**Emanuela sive Lilian Pollacco**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Emanuela sive Lilian Pollacco kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti twieldet fit-8 ta' Frar 1958, u inghatat l-isem ta' Emanuela Xerri, hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala DOK A;

2. Illi minkejja li nghatat l-isem ta' Emanuela, minn mindu twieldet hija dejjem kienet konsistentament imsejjha u

maghrufa bhala Lilian, u qatt ma ssejjhet bhala "Emanuela", kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi huwa l-isem "Lilian" biss li jintuza fi kwalunkwe dokumenti ufficjali taghha bhal dokumenti bankarji. Inoltre fuq il-karta ta' l-identita` taghha hemm imnizzel "Emanuela k/a Lilian";

4. Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha b'mod illi minflok l-intestatura "Emanuela" taht il-parti "ismijiet tat-tarbija" titnizzel biss l-intestatura "Lilian";

5. Illi dan il-fatt jikkawza diffikultajiet u skonvenjent ghar-rikorrenti meta tigi sabiex issiefer peress illi fuq l-passaport hemm imnizzel l-isem "Emanuela Pollacco". Meta r-rikorrenti tkun imsiefra u tmur il-bank hija wkoll tigi rrinfaccjata bl-istess problemi peress li l-isem fuq il-credit cards taghha jidher bhala "Lilian Pollacco" fil-waqt li fuq il-passaport taghha jidher l-isem "Emanuela";

6. Illi din il-kawza qed issir a bazi tal-Artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid tar-rikorrenti billi jigi kkancellat l-"isem "Emanuela" taht il-parti "ismijiet tat-tarbija" u minflok jsir "Lilian".

(2) Tordna wkoll illi l-bdil effetwat fl-att tat-twelid jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess persuna, inkluz ic-certifikat taz-zwieg u, jekk ikun il-kaz, ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrenti fl-Att tat-twelid taghha jinbidel minn '*Emanuela*' ghal '*Lilian*'. Sabiex tissostanzja t-talba taghha, ir-rikorrenti qieghed tannetti mar-rikors guramentat, numru ta' dokumenti u affidavits, u dan kif jitlob l-istess artikolu fuq imsemmi;

3. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjitha hija kienet konsistentament msejha bhala 'Lilian' u mhux 'Emanuela';

4. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz de quo, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn omm ir-rikorrenti. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed titlob ukoll ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili illi ghandha ssir tali korrezzjoni f'dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha. Illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandha tispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fl-atti.

Rat ukoll l-affidavits prezentati mill-istess attrici.

Rat mill-istess affidavits u mill-istess dokumenti illi t-talba tal-attrici hija gustifikata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista ta' dan il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru wiehed sebgha sebgha tlieta ta' l-elf disgha mija tmienja u hamsin (1773/1958), billi jigi kkancellat l-isem 'Emanuela' taht il-parti 'ismijiet tat-tarbija' u minflok isir 'Lilian;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna wkoll illi l-bdil effetwat fl-Atti tat-Twelid jigi rifless f'kull att ta' l-Istat Civili relattiv ghall-istess persuna inkluz ic-certifikat taz-Zwieg li jgib in-numru mija tnejn u erbghin ta' l-elf disgha mija tlieta u tmenin (142/1983), u jekk ikun il-kaz ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri tar-rikorrenti.

Fic-cirkostanzi bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Kawza deciza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2020**